MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012

Numru 9/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Abdurahman Mohamed Abushiba**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 9 tas-sena 2011 kontra l-akkuzat Abdurahman Mohamed Abushiba, li bih hu ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fir-raba' (4) jum mix- xahar ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u fiz-zminijiet ta' qabel din id-data ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA iddecida xjentement li jibda jittraffika u jesporta illegalment id-droga herojina f`Malta u dan bi ftehim ma haddiehor.

Illi fid-dati hawn fuq indikati l-akkuzat ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA assocja ruhu u ftiehem ma' persuna ohra u cioe` ma' certu Emad sabiex tigi ittraffikata u esportata mil-Libja ghal gewwa l-

Gzejjer ta' Malta kwantita ta' droga herojina (1456.4 grammi). Meta kien Malta l- akkuzat ftiehem u ippjana ma' dan Emad biex imur il-Libja u jgib mieghu bagalja b'ammont ta' droga herojina go fiha. L-akkuzat ftiehem dwar il–mezz ta' trasport li kellu juza biex jimporta f`Malta din id-droga (titjiriet bl-ajru l-ewwel minn Malta ghal-Libja imbaghad minn Tripoli, Libja ghal Malta), dwar il-mod kif kellu jiltaqa' ma' certu Hasan gewwa l-Libja sabiex l-akkuzat jinghata konsenja ta' droga sabiex din tigi importata f`Malta u kemm l- akkuzat kien se jiehu ghal din il- bicca xoghol illecita u cioe` mitt (100) gramma herojina. ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA ftiehem u ippjana ma` Emad li malli jasal Malta kellu jmur lura l- lukanda u jcempel lil Emad sabiex jaghtih il-bagalja mimlija b'ammont ta' droga herojina.

Fir-raba' jum ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra l-akkuzat qabad titjira tal- Air Malta KM 697 minn Tripoli, Libja ghal Malta. F'din id-data l–akkuzat wasal Malta u kien qieghed igorr bagalja mimlija b'ammont ta' droga herojina. Mal– wasla tieghu f`Malta l–akkuzat gie intercettat minn Ufficjali tad-Dwana gewwa l–Ajruport Internazzjonali ta` Malta li irreferewh lill-pulizija. Minn tfittxija li saret fil-bagalja irrizulta li ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA kien qed igorr f'qiegh falz ta' l-istess bagalja 1456.4 grammi (kwazi kilo u nofs) ta' droga herojina bil-purita ta` 32% u *street value* ta` kwazi Eur 67,000.

ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA ma kellu l–ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollu fil –pussess tieghu jew li jimporta dawn il –medicini perikoluzi skont il-Ligi.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA sar hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika d-droga herojina, kontra d-

disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika d-droga herojina f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta` l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni; talab illi jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir- reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9,10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-ligi tinghata ghal- htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess zmien u ċirkostanzi kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża u cioe` fir-raba' (4) jum ta` Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u fiz-zminijiet ta' qabel, ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA in eżekuzzjoni tal-assoċjazzjoni ta' bejnu u certu Emad iddecida li jesporta mill-Libja ammont ta` droga herojina sabiex din tigi importata f`Malta. In esekuzzjoni ta` dan il- pjan mahsub minn qabel, waqt li kien il-Libja, ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA iltaqa ma' certu Hasan u hemm hekk Hasan tah bagalja li kienet mimlija b'ammont ta` droga herojina mohbija f'qiegh falz ta' l-istess bagalja sabiex din id-droga tigi importata u

eventwalment ittraffikata f`Malta u dan a skapitu tas-socjeta Maltija.

Fir-raba' jum ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra l-akkuzat qabad titjira tal- Air Malta KM 697 minn Tripoli, Libja ghal Malta. F'din id-data l–akkuzat wasal Malta u kien qieghed igorr il-bagalja li tah Hasan u li kienet mimlija b'ammont ta' droga herojina. Mal–wasla tieghu f'Malta l–akkuzat gie intercettat minn Ufficjali tad-Dwana gewwa l–Ajruport Internazzjonali ta' Malta li irreferewh lill- pulizija. Minn tfittxija li saret fil-bagalja irrizulta li ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA kien qed igorr f'qiegh falz ta' l-istess bagalja 1456.4 grammi (kwazi kilo u nofs) ta' droga herojina bil-purita` ta' 32% u *street value* ta' kwazi Eur 67,000.

ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollu fil-pussess tieghu jew li jimporta dawn il –medicini perikoluzi skont il- Ligi.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA sar hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida.

Talab illi jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il- Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-ligi tinghata ghal-htija ta' l- imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fir- raba' (4) jum ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u fiz-zminijiet ta' qabel, l-akkuzat ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA in eżekuzzjoni tal-assoċjazzjoni ta' bejnu u certu Emad iddecida li jesporta mill-Libja ammont ta' droga herojina sabiex din tigi importata f`Malta.

Fir-raba' jum ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra l-akkuzat qabad titjira tal- Air Malta KM 697 minn Tripoli, Libja ghal Malta. F`din id-data l–akkuzat wasal Malta u kien qieghed igorr il-bagalja li tah Hasan u li kienet mimlija b`ammont ta`droga herojina. Mal–wasla tieghu f`Malta l–akkuzat gie intercettat minn Ufficjali tad-Dwana gewwa l–Ajruport Internazzjonali ta` Malta li irreferewh lill- pulizija. Minn tfittxija li saret fil-bagalja irrizulta li ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA kien qed igorr fil-bagalja 1456.4 grammi (kwazi kilo u nofs) ta` droga herojina bil-purita` ta' 32% u *street value* ta' kwazi Eur 67,000. L- akkuzat kien ghalhekk fil- pussess xjenti u illegali ta' kwazi kilo u nofs droga herojina waqt li kien qieghed Malta f`tali cirkostanzi li juru li dan l-ammont ta` droga ma kienx ghal uzu esklussiv tieghu.

ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollu fil-pussess tieghu jew li jimporta dawn il–medicini perikoluzi skont il- Ligi.

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas- Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill- Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir- Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id- droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan

li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu;

Talab illi jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il- Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, and 26 ta' l-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi u r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal- Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fir-raba (4) jum mix- xahar ta` Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) l-akkuzat ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA stqarr u ammetta mal-Pulizija li f`din id-data u fi tlett xhur ta` qabel waqt li kien fil-Gzejjer ta` Malta kien fil-pussess xjenti u illegali tad-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis sabiex jissodisfa l-vizzju tieghu. Illi dak il-pussess tad–droga cannabis kien mezz u stadju wiehed sabiex l- akkuzat ikun jista' jabbuza minn din id-droga.

ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollu fil-pussess tieghu din il-medicina perikoluza skont il- Ligi.

Id-droga cannabis hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Illi b'ghemilu, l-imsemmi ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA sar hati talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi

preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id- droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi ABDURAHMAN MOHAMED ABUSHIBA talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill- Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill- Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

Talab illi jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tnax-il-xahar izda mhux izjed min ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu izda mhux izjed minn tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin euro u tlieta u sebghin centezmu u l-konfiska ta' l- oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skont dak li

hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8, 10(1), 22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad- Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużat Abdurahman Mohamed Abushiba, tal-15 ta' Frar, 2012, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih, l-piena li għandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun wahda ta' priġunerija għal perjodu ta' tlettax (13) il-sena flimkien ma' multa ta' tletin elf Euro (€30,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi ghad-dikjarazzjoni w sejbien ta' htija ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kapitolu 101], inkluż il-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta` mobbli u mmobbli tal-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tallum 27 ta' Marzu, 2012, l-akkużat, mistoqsi jekk hux ħati skont l-Att tal-Akkuza, wieġeb billi stqarr li hu kien ħati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba w tatu ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skont l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużat baqa` jtenni t-tweġiba li hu kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lil Abdurahman Mohamed Abushiba ħati talli :-

1. fl-4 ta' Gunju, 2010 u fi zminijiet ta' qabel din id-data, assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika d-droga herojina f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta` l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromova,

ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni w dana skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.

2. fl-4 ta' Gunju, 2010 u fi zminijiet ta' qabel din id-data, importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

3. fl-4 ta' Gunju, 2010 u fi zminijiet ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil- licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir- Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

4. fl-4 ta' Gunju, 2010, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill- Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill- Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga

ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skont ricetta kif provdut fir- Regoli msemmija, u dana skont ir-Raba` Kap tal-Att tal-Akkuza.

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Ikkonsidrat;

Qieset illi r-reati taħt it-tielet Kap u r-raba' kap tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huma assorbiti fl-ewwel u t-tieni kapi tal-Att ta' l-Akkuza, stante li servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess r-reat in kwistjoni a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002], **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn).

Peress li, wara li ħadet kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz, il-kondotta ta' qabel tal-hati, x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, u b' mod partikolari f' dan il-kaz il-kwantita' ta' droga involuta fir-reati ic-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija tieghu w peress li ma hemmx raguni ohra skont il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Ghaldaqstant, wara l qieset dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 8, 9, 10(1),12, 14, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern

fuq id-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati Abdurahman Mohamed Abushiba ghall-piena ta' tlettax (13) -il sena prigunerija, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' tletin elf Euro (€30,000) multa konvertita fi tnax–il xahar prigunerija jekk ma jithallsux fi zmien hmistax, u s-somma ta' elf, sitt mija w tmienja u hamsin Euro u tlieta w tmenin euro centezmi import ta' l-ispejjez peritali (€1658.83) a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li għandha tigi preżentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu magħha jigu distrutti a kura tal-Assistent Registratur u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-ħati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------